MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 55/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Maurice Mario Gruppetta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Euroshops Ltd (C 33889) ghas-snin 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta’ dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta’ l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) u multa addizzjonali ta’ sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta’ l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta’ xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta’ l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b’zieda ma kull piena ohra, ta’ mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar il-Probation jew f’xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn tlett ijiem, b’zieda ma’ kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. fin-nullita` tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih stante li hemm elementi konfuzjonali fl-istess imputazzjonijiet;
2. fin-nullita` tal-istess imputazzjonijiet stante li dawn huma nieqsa mill-indikazzjonijiet necessarji skond il-ligi ossia lejn ir-regolamenti partikolari li taghhom ir-rikorrenti kien qed jitressaq;

3. subordinatament is-sentenza appellata hija nulla stante li taghmel riferenza ghal regolamenti li ma saritx riferenza fl-imputazzjonijiet mertu ta' dan l-appell;
4. subordinatament li l-appellant tressaq talli naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli, liema vot ta' ligi r-rikorrenti obda stante li bhala stat ta' fatt il-formuli gew mibghuta u accettati mid-Dipartiment koncernat.

Ikkusidrat:
L-aggravji ta' l-apellant huma principalment imsejsa fuq in-nullita ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu stante illi ma fihix l-elementi rikjesti skond il-Ligi. Spjega illi l-Artikli tal-Ligi ikwotati fl-imputazzjoni ma jispecifikaw l-ebda reat. Huma biss ir-regolamenti li jispecifikaw meta ghandu jsir il-hlas lil Kummissarju tat-Taxxa Interni u kif il-hlas ghandu jsir. Ilmenta ukoll illi l-imputazzjoni hija nulla stante illi ma tosservax id-dispost ta' l-Artiklu 589 D tal-Kodici Kriminali.

F'paragrafu tlettax tar-rikors tieghu l-appellant jispjega illi "ghalhekk huwa car illi sabiex l-Att ta' l-Akkuza tkun skond il-Ligi hemm in-neccesita ad validitatem li l-akkuza tispecifika l-Artiklu tal-Ligi li jikkontempla ir-reat meritu ta' l-akkuza. Naturalment din hija regola li tapplika ghal kull akkuza ta' natura kriminali li tingieb fil-Qorti ta' kompetenza kriminali taghna." Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dik il-konkluzzjoni peress li hemm differenza bejn citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza originali taghha u Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.

Ikkunsidrat:

Fil-kawza il-"Pulizija kontra Joseph Farrugia", deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Jannar 1995, il-Qorti kienet qalet 'L-imputazzjonijiet ma hemmx ghalfejn ikunu redatti fil-kliem testwali tal-Ligi. L-uzu tal-kliem testwali tal-Ligi hu mehtieg biss fil-kaz ta' Att ta' Akkuza migjub

mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali (Artiklu 589 (D) tal-Kodici Kriminali). Fil-kaz ta’ citazzjoni mahrug mill-Pulizija ezekuttiva, din tirrekjedi biss <u>il-fatti</u> ta’ l-akkuza (Artiklu 360 (2)) u dan bl-istess mod bhal meta tinqara l-akkuza fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni, din l-akkuza mehtieg li jkun fiha <u>l-fatt</u> tar-reat (Artiklu 374 (I) u Artiklu 375 (C)). Dawn il-fatti, naturalment iridu juru b’mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta’ tigbid ta’ kliem jew imaginazzjoni, jigifieri b’mod li l-imputat ikun jaf ta’ liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati irid iwiegeb…’ F’dan il-kaz l-imputat kien jaf sew ghal xiex qed jigi tenut iwiegeb u cioe li naqas li jibghat il-formula tat-taxxi skond id-dispozizzjonijiet tar-regola imsemmija mill-Ligi, ikkwotata fl-istess imputazzjoni. Tant hu hekk illi quddiem l-ewwel Qorti qajjem zewg eccezzjonijiet. Wahda li kienet tikkoncerna l-preskrizzjoni tal-azzjoni u it-tieni illi is-socjeta raprezentata mill-imputat ma kinetx irceviet abbozz ta’ ftehim illi kien qed jibghat il-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex iwassal ghal riduzzjoni fit-taxxi addizzjonali u imaxijiet. Ma giex kontestat in-nuqqas tas-socjeta li tibghat il-formuli u l-hlasijiet imsemmija. Waqt li skond il-verbal tat-28 ta’ Jannar ta’ l-2011, l-imputat jghazel li ma jixhidx u li ma kellux provi x’jiproduci. Il-kwistjoni ta’ l-nullita o meno ta’ l-imputazzjoni tqajjmet biss l-ewwel darba quddiem il-Qorti ta’ l-Appell permezz ta’ dan ir-rikors.

Ikkunsidrat:

Iz-zewg eccezzjonijiet imqajjma fil-prima stanza gew abbilment trattati mill-ewwel Qorti u tat ir-ragunijiet taghha ‘il ghala ma kelliex tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif ukoll ‘il ghaliex il-fatt ta l-abbozz ta’ ftehim ma kellux jaffettwa il-meritu ta’ dan il-kaz peress illi l-ftehim kienet xi haga volontarja u koncessjonarja li ma kelliex taffettwa l-vot tal-Ligi. Il-Qorti ma tara xejn hazin fl-argumenti ta’ l-ewwel Qorti li fl-isflond tal-provi li kellha quddiema setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghal dak li jirrigwarda l-ilment imqajjem quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, il-Qorti tara illi l-imputazzjoni

tosserva il-vot tal-Ligi. Din turi b'mod car illi r-reat li tieghu l-imputat qed ikun addebitat u ta' dan kellu l-opportunita' li jwiegeb u li jqajjem l-eccezzjonijiet li jidirlu li ghandu jqajjem kif fil-fatt ghamel. Ghal hekk il-Qorti ma tarax li ghandha tilqa' dan l-aggravju ta' l-appellant li tarah bhala attentat fjakk tieghu biex jaqbad ma' xi haga wara li l-ewwel Qorti abbilment cahdet l-eccezzjonijiet li kienu mqajjma quddiemha.

Hu ben saput li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament aprofondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u issib li l-ewwel Qorti setghet ragonevalment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------